



---

*Kumitat għall-Baġits*

---

**2015/2095(INI)**

4.9.2015

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar is-sitwazzjoni fil-Mediterran u l-ħtieġa ta' approċċ olistiku tal-UE għall-migrazzjoni  
(2015/2095(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Gérard Deprez

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' aġenda tal-UE ambizzjuża għall-migrazzjoni; jiddispjaċih li l-Kunsill Ewropew, minbarra d-dikjarazzjonijiet tiegħu, ma għandux l-istess livell ta' ambizzjoni u qed jonqos milli jappoġġja lill-Kummissjoni;
2. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni mmirata lejn l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmu ta' relokalizzazzjoni ta' 40,000 ruħ matul is-snin 2016 u 2017, bi spiża totali ta' EUR 240,000 000; jappoġġja l-isforzi li saru minn ċerti Stati Membri li aċċettaw l-għadd propost mill-Kummissjoni u f'xi każijiet saħansitra iktar, filwaqt li jiddeplora l-fatt li minħabba n-nuqqas ta' rieda ta' xi Stati Membri ċ-ċifra ta' 40 000 persuni għadha ma ntlaħqitx;
3. Jilqa' wkoll ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar programm ta' risistemazzjoni u jilqa' l-EUR 50,000,000 addizzjonali għas-snin 2015 u 2016 previsti għal dan; jenfasizza li l-ammont imwarrab għandu jikkorrispondi għal ħtiġijiet reali skont il-flussi migratorji futuri u għalhekk għandu jiġi adattat kif xieraq;
4. Jilqa' b'mod favorevoli ż-żieda tal-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) ta' ammont ta' EUR 57 000 000 f'DAB 5 għall-2015 u ta' iktar minn EUR 169 000 000 (EUR 171 900 000 bir-riprogrammazzjoni) fl-abbozz ta' baġit 2016; jiddispjaċih jgħid, madankollu, li jekk f'dawn il-fondi l-ammonti disponibbli għar-rinfurzar u l-iżvilupp ta' sistema ta' asil komuni jiżdiedu għal iktar minn EUR 174 000 000 (EUR 161 694 285 bir-riprogrammazzjoni), l-ammonti disponibbli għall-għajnuna għall-migrazzjoni legali, għall-integrazzjoni u t-titjib ta' strateġiji ta' ritorn ġusti u effettivi jonqsu għal kważi EUR 5 000 000 (+ EUR 9 985 847 bir-riprogrammazzjoni);
5. Jistieden lill-Kummissjoni biex tipprovdi valutazzjoni kemm jista' jkun preċiża tal-approprijazzjonijiet meħtieġa għall-Fondi AMIF matul il-perjodu sal-2020 u, abbażi ta' dan, li tippreżenta proposta għal żieda fl-approprijazzjonijiet tal-intestatura 3 u, jekk ikun meħtieġ, allokkazzjoni aġġustata fost id-diversi programmi ta' implimentazzjoni fil-kuntest tar-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali, li għandu jsir sa tmiem l-2016; jenfasizza wkoll il-ħtieġa li dan il-finanzjament ikollu valur miżjud Ewropew ġenwin aktar milli sempliċement jappoġġja programmi nazzjonali eżistenti;
6. Jagħmel ċara l-intenzjoni tiegħu li jimmodifika n-nomenklatura baġitarja ta' AMIF fi sforz biex isir aktar trasparenti u tkun aktar faċli biex tiġi monitorjata l-allokkazzjoni tal-approprijazzjonijiet annwali bejn id-diversi programmi u strumenti ta' implimentazzjoni; jixtieq li fil-futur dawn il-fondi jkun jistgħu jibbenefikaw minn marġni usa' ta' flessibilità;
7. Jilqa' ż-żieda ta' EUR 41,245,000 fl-abbozz ta' baġit 2016 għall-aġenzija Frontex; jitlob data affidabbli dwar il-kosti ta' Triton u Poseidon; jiddispjaċih li, ħdax-il sena wara l-istabbiliment tagħha f'Varsavja, il-Ftehim tal-Kwartieri Ġenerali bejn il-Frontex u l-Gvern Pollakk għadu ma ġiex iffirmit, u b'hekk il-persunal tal-Aġenzija qed jinżamm milli jaħdem taħt l-aqwa kondizzjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi iktar

informazzjoni dwar il-proposta għal emenda tal-mandat ta' Frontex fl-organizzazzjoni tar-ritorni;

8. Jirrikonoxxi li l-Kunsill ma naqqasx il-linji ewlenin tal-AMIF u l-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF) fl-intestatura 3, li jenfasizza li ż-żieda tkun meħtieġa; jikkritika, madankollu, it-tnaqqis fil-linja tal-migrazzjoni u l-asil konformità taħt l-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI) (- EUR 200 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn, -EUR 5 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament), u fit-tnaqqis tal-linji tat-tnaqqis tal-faqar għaż-żewġ pajjiżi tal-Mediterran (-EUR 50 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament) u s-Sħubija tal-Lvant (-EUR 12 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament) u b'mod aktar ġenerali għall-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA); jemmen li t-tnaqqis propost huwa kontroproduċenti f'dak li għandu x'jaqsam mal-istrateġija tal-ġestjoni ġenerali għall-futur tal-flussi migratorji;
9. Jenfasizza l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil se jiġi mitlub li jkollu rwol dejjem jikber fil-ġestjoni tal-asil fil-futur; jiddikjara li ż-żieda tal-persunal tiegħu b'4 persuni biss fil-fatt mhux suffiċjenti, u li l-finanzjament, li ma jinkludix id-dħul assenjat, allokat lil fl-abbozz ta' baġit fl-2016 tnaqqas fi żmien meta l-ħtiġijiet reali jiddettaw li dan għandu jiżdied;
10. Jirrikonoxxi r-rwol tal-Europol fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u b'mod aktar speċifiku l-attivitajiet tiegħu fil-ġlieda kontra n-netwerks kriminali, li teħtieġ persunal addizzjonali f'mill-inqas tliet punti kritiċi li għadhom kif ġew stabbiliti; jindika li ż-żieda ta' tlieta min-nies biss fl-organigramma tiegħu mhijiex biżżejjed biex jaqdu dawn il-kompiti diffiċli ħafna, u li l-fondi allokat lil fl-abbozz tal-baġit 2016 ma jiżgurawx biżżejjed riżorsi biex iwettqu dawn il-kompiti b'mod adegwat;
11. Jitlob li l-aġenziji tal-ĠAI ma jiġux sottomessi għal tnaqqis jew għal riallokazzjoni awtomatika tal-persunal tagħhom; jitlob li ssir l-implimentazzjoni ta' strateġija reali fuq terminu medju u twil għal dawn l-aġenziji;
12. Jilqa' ż-żieda prevista fl-abbozz ta' baġit 2016 għall-Asil u l-Immigrazzjoni; jenfasizza li l-flus li ma ntefqux jistgħu jiġu trasferiti għal linji baġitarji oħra biex jiġu indirizzati sfidi u żviluppi mhux previsti bħal dawk deskritti fl-Aġenda Ewropea għall-migrazzjoni;
13. Iqis li huwa essenzjali li jsir monitoraġġ mill-qrib dwar l-użu li jsir mill-finanzjament kollu relatat mal-immigrazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward ta' kuntratti u proċeduri ta' sottokuntrattar, fid-dawl ta' numru ta' każijiet ta' frodi u ta' amministrazzjoni ħażina li seħħew fl-Istati Membri.



## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	3.9.2015
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 23 -: 4 0: 3
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Nedzhmi Ali, Jonathan Arnott, Lefteris Christoforou, Jean-Paul Denanot, Gérard Deprez, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazabal Rubial, Carlos Iturgaiz, Bernd Kölmel, Zbigniew Kuźmiuk, Vladimír Maňka, Ernest Maragall, Clare Moody, Siegfried Mureşan, Victor Negrescu, Liadh Ní Riada, Patricija Šulin, Eleftherios Synadinos, Paul Tang, Indrek Tarand, Isabelle Thomas, Inese Vaidere, Daniele Viotti, Marco Zanni
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Anneli Jäätteenmäki, Andrey Novakov, Nils Torvalds, Tomáš Zdechovský
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Anthea McIntyre, Tatjana Ždanoka